Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 8

Volum 60

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

12 ta' Jannar 2017

Werrej

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 175/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2017/15]** 1

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 176/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2017/16]** 3

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 177/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/17]** 5

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 178/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/18]** 6

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 179/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/19]** 7

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 180/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/20]** 9

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 181/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/21]** 10

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 182/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/22]** 11

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 183/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/23]** 12

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 184/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/24]** 14

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 185/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/25]** 15

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 186/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/26]** 16

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 187/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/27]** 17

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 188/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/28]** 20

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 189/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/29]** 22

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 190/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/30]** 23

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 191/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE [2017/31]** 25

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 192/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2017/32]** 28

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 193/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE [2017/33]** 29

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 194/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2017/34]** 31

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 195/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2017/35]** 32

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 196/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet [2017/36]** 33

III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 175/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2017/15]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/567 tas-7 ta' April 2015 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-Litwanja bħala Stat Membru uffiċjalment ħieles mit-tuberkuloži fir-rigward tal-merħliet bovini [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni rigward annimali ħajjin li mhumiex ħut u annimali tal-akkwakultura. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma tapplikax għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Iżlanda.

(3) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(4) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 70 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE) fil-Parti 4.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

"— **32015 D 0567**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/567 tas-7 ta' April 2015 (ĠU L 93, 9.4.2015, p. 69)."

[1] ĠU L 93, 9.4.2015, p. 69.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/567 bl-ilsien Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 176/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2017/16]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/489 tat-23 ta' Marzu 2015 dwar l-awtorizzazzjoni tas-selenometijonina prodotta mis-*Saccharomyces cerevisiae* NCYC R645 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/502 tal-24 ta' Marzu 2015 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R404 bħala addittiv fl-għalf għall-baqar tal-ħalib (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Micron Bio-System Ltd) ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/518 tas-26 ta' Marzu 2015 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* NCIMB 10415 bħala addittiv fl-għalf tat-tiġieġ imrobbija għall-bajd, ta' speċijiet minuri ta' tjur tas-simna u ta' speċijiet minuri ta' tjur imrobbija għall-bajd u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 361/2011 fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-koċċidijostatiċi (id-detentur tal-awtorizzazzjoni DSM Nutritional Products Ltd irrappreżentat minn DSM Nutritional products Sp. Z o.o) ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-għalf ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(5) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 2z (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 361/2011):

", kif emendat bi:

— **32015 R 0518**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/518 tas-26 ta' Marzu 2015 (ĠU L 82, 27.3.2015, p. 75)."

([1]) ĠU L 78, 24.3.2015, p. 5.
([2]) ĠU L 79, 25.3.2015, p. 57.
([3]) ĠU L 82, 27.3.2015, p. 75.

2. Il-punti segwenti jiddaħħlu wara l-punt 127 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/264):

"128. **32015 R 0489**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/489 tat-23 ta' Marzu 2015 dwar l-awtorizzazzjoni tas-selenometijonina prodotta mis-*Saccharomyces cerevisiae* NCYC R645 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali (ĠU L 78, 24.3.2015, p. 5).

129. **32015 R 0502**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/502 tal-24 ta' Marzu 2015 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R404 bħala addittiv fl-għalf għall-baqar tal-ħalib (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Micron Bio-System Ltd) (ĠU L 79, 25.3.2015, p. 57).

130. **32015 R 0518**: Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/518 tas-26 ta' Marzu 2015 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* NCIMB 10415 bħala addittiv fl-għalf tat-tiġieġ imrobbija għall-bajd, ta' speċijiet minuri ta' tjur tas-simna u ta' speċijiet minuri ta' tjur imrobbija għall-bajd u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 361/2011 fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-koċċidijostatiċi (id-detentur tal-awtorizzazzjoni DSM Nutritional Products Ltd irrappreżentat minn DSM Nutritional products Sp. Z o.o) (ĠU L 82, 27.3.2015, p. 75)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/489, (UE) 2015/502 u (UE) 2015/518 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Atle LEIKVOLL

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 177/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/17]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/394 tal-10 ta' Marzu 2015 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, fir-rigward tas-sustanza "tulatromiċina" [1] għandu jiddaħħal fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiġi miżjud fil-punt 13 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32015 R 0394**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/394 tal-10 ta' Marzu 2015 (ĠU L 66, 11.3.2015, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/394 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

[1] ĠU L 66, 11.3.2015, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 178/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/18]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/490 tat-23 ta' Marzu 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 rigward l-aġġustament tal-miżati tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini mar-rata tal-inflazzjoni [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 15h (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32015 R 0490**: Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/490 tat-23 ta' Marzu 2015 (ĠU L 78, 24.3.2015, p. 9)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/490 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

[1] ĠU L 78, 24.3.2015, p. 9.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 179/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/19]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/573 tat-30 ta' Jannar 2015 li temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjoni għaċ-ċomb fis-sensuri tal-klorur tal-polivinil f'apparat mediku dijanjostiku in vitro [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/574 tat-30 ta' Jannar 2015 li temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjoni għall-merkurju f'sistemi ta' immaġnijiet intravaskulari ultrasonori [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin huma miżjuda mal-punt 12q (id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32015 L 0573**: Id-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/573 tat-30 ta' Jannar 2015 (ĠU L 94, 10.4.2015, p. 4),

— **32015 L 0574**: Id-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/574 tat-30 ta' Jannar 2015 (ĠU L 94, 10.4.2015, p. 6)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi ta' Delega (UE) 2015/573 u (UE) 2015/574 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

---

(1) ĠU L 94, 10.4.2015, p. 4.
(2) ĠU L 94, 10.4.2015, p. 6.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Atle LEIKVOLL

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 180/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/20]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) rigward l-Anness XVII (sustanzi CMR) ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 12zc (ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32014 R 0317**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 (ĠU L 93, 28.3.2014, p. 24)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 317/2014 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 93, 28.3.2014, p. 24.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 181/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/21]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/628 tat-22 ta' April 2015 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi ("REACH") fir-rigward taċ-ċomb u l-komposti tiegħu ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 12zc (ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32015 R 0628**: Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/628 tat-22 ta' April 2015 (ĠU L 104, 23.4.2015, p. 2)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/628 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 104, 23.4.2015, p. 2.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 182/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/22]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/326 tat-2 ta' Marzu 2015 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi ("REACH") fir-rigward tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u l-ftalati [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 12zc (ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32015 R 0326**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/326 tat-2 ta' Marzu 2015 (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 43)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/326 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

[1] ĠU L 58, 3.3.2015, p. 43.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 183/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/23]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/543 tal-1 ta' April 2015 li japprova s-sustanza attiva COS-OGA, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/553 tas-7 ta' April 2015 li japprova s-sustanza attiva cerevisane, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin jiġu miżjuda mal-punt 13a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011):

"— **32015 R 0543**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/543 tal-1 ta' April 2015 (ĠU L 90, 2.4.2015, p. 1),

— **32015 R 0553**: Ir-Regolament ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/553 tas-7 ta' April 2015 (ĠU L 92, 8.4.2015, p. 86)."

2. Il-punti li ġejjin jiżdiedu wara l-punt 13zzzzq (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/306):

"13zzzzr. **32015 R 0543**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/543 tal-1 ta' April 2015 li japprova s-sustanza attiva COS-OGA, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 90, 2.4.2015, p. 1).

13zzzzs. **32015 R 0553**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/553 tas-7 ta' April 2015 li japprova s-sustanza attiva cerevisane, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 92, 8.4.2015, p. 86)."

([1]) ĠU L 90, 2.4.2015, p. 1.
([2]) ĠU L 92, 8.4.2015, p. 86.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/543 u (UE) 2015/553 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 184/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/24]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/108/UE tat-12 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 3q (id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XIX tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32014 L 0108**: Direttiva tal-Kummissjoni 2014/108/UE tat-12 ta' Diċembru 2014 (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 117)".

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2014/108/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

[1] ĠU L 359, 16.12.2014, p. 117.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 185/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/25]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/547 tal-1 ta' April 2015 dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza li għandhom jiġu ssodisfatti mill-istandards Ewropej għall-fajerplejsis mingħajr ċumnija li jaħdmu bl-alkoħol skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 3s (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/121/UE) tal-Kapitolu XIX tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE:

"3t. **32015 D 0547**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/547 tal-1 ta' April 2015 dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza li għandhom jiġu ssodisfatti mill-istandards Ewropej għall-fajerplejsis mingħajr ċumnija li jaħdmu bl-alkoħol skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 90, 2.4.2015, p. 14)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni (UE) 2015/547 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jkunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 90, 2.4.2015, p. 14.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 186/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/26]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 585/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-varar ta' eCall interoperabbli madwar l-UE kollha [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 17ke (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 305/2013) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

"17kf. **32014 D 0585**: Id-Deċiżjoni Nru 585/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-varar ta' eCall interoperabbli madwar l-UE kollha (ĠU L 164, 3.6.2014, p. 6)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni Nru 585/2014/UE fil-lingwa Iżlandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

[1] ĠU L 164, 3.6.2014, p. 6.

(*) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 187/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/27]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema tal-"Vetturi ferrovjarji — lokomotivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea [1], kifrettifikat fil-ĠU L 10, 16.1.2015, p. 45, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punti 37ah (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/232/UE) u 37di (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/291/KE):

"— **32014 R 1302**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 228), kif korreġut mill-ĠU L 10, 16.1.2015, p. 45."

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 37dn (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1301/2014):

"37do. **32014 R 1302**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema tal-"Vetturi ferrovjarji — lokomotivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 228) kif rettifikat fil-ĠU L 10, 16.1.2015, p. 45.

Ir-Regolament għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqara bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Dan li ġej għandu jiżdied fit-Taqsima 7.3.2.12 tal-Anness:

'Każ speċifiku — in-Norveġja ('T')

Għal thaddim mhux ristrett fuq in-netwerk Norveġiż, dan li ġej japplika għall-unitajiet tal-ġbid elettriku:

— Il-fattur tal-enerġija kapaċitattiva ma għandux ikun inqas minn 0,95 meta l-vultaġġi tal-linji ta' kuntatt ikunu iktar minn 16,5 kV meta l-unità tal-ġbid tkun qed tikkonsma l-enerġija b'mod attiv

— L-enerġija kapaċitattiva ma għandhiex taqbeż is-60 kVAr meta l-unità tal-ġbid tiġġenera mill-ġdid l-enerġija

— Il-fattur tal-enerġija induttiva ma għandux ikun inqas minn 0,95 meta l-vultaġġi tal-linji ta' kuntatt ikunu inqas minn 16,5 kV meta l-unità tal-ġbid tiġġenera mill-ġdid l-enerġija.'

[1] ĠU L 356, 12.12.2014, p. 228.

(b) Dan li ġej għandu jiżdied fit-Taqsima 7.3.2.14 tal-Anness:

'Każ speċifiku — in-Norveġja ('T')

Dan il-każ speċifiku hu applikabbli għal unitajiet li joperaw fuq linji b'sistema katenarja mhux aġġornata. Linji b'sistema katenarja konformi mat-TSI huma indikati fid-dikjarazzjoni tan-netwerk.

Il-ġeometrija tal-parti ta' fuq tal-pantografu għandha tkun skont EN 50367:2011 Figure B.6 (1 800 mm).'

(c) Dan li ġej għandu jiżdied fit-Taqsima 7.3.2.15 tal-Anness:

"7.3.2.15bis Forza statika tal-kuntatt tal-pantografu (livell IC) (4.2.8.2.9.5)

Każ speċifiku in-Norveġja ('T')

Dan il-każ speċifiku hu applikabbli għal unitajiet li joperaw fuq linji b'sistema katenarja mhux aġġornata. Linji b'sistema katenarja konformi mat-TSI huma indikati fid-dikjarazzjoni tan-netwerk.

Meta weqfin, il-pantografi għandu jkollhom forza statika tal-kuntatt ta' 55 N."

(d) Dan li ġej għandu jiżdied fit-Taqsima 7.3.2.16 tal-Anness:

"Każ speċifiku — in-Norveġja ('T')

Dan il-każ speċifiku hu applikabbli għal unitajiet li joperaw fuq linji b'sistema katenarja mhux aġġornata. Linji b'sistema katenarja konformi mat-TSI huma indikati fid-dikjarazzjoni tan-netwerk.

Barra r-rekwiżiti tat-TSI, il-pantografi għandhom ikunu konformi ma' kurva ibbażata fuq il-formola li ġejja: $F_m = 0{,}00097v^2 + 55$, b'tolleranza ta' ± 10 %."

(e) Dan li ġej għandu jiżdied fit-Taqsima 7.4 tal-Anness:

"Kondizzjonijiet speċifiċi — in-Norveġja

Għal aċċess mhux ristrett ta' vetturi ferrovjarji fuq in-netwerk Norveġiża taħt kondizzjonijiet xitwin, għandu jintwera li l-vetturi ferrovjarji jissodisfaw r-rekwiżiti li ġejjin:

— Għandha tintgħażel iż-żona tat-temperatura T2 kif speċifikat fil-klawżola 4.2.6.1.1.

— Għandhom jintgħażlu l-kondizzjonijiet ta' borra, ġlata u silġ kif speċifikat fil-klawżola 4.2.6.1.2.""

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1302/2014, kif rettifikat fil-ĠU L 10, 16.1.2015, p. 45, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 188/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/28]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII mal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test ta' addattament tal-punt 56v (id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jithassar.

2. Dan li ġej jiżdied mal-punt 56v (id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat b':

— **32009 L 0123**: Id-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/123/KE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

[1] ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52.

(*) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

ANNESS

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARTIJIET KONTRAENTI

għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 188/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li tinkorpora d-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim ŻEE

"Id-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija msejsa fuq l-Artikolu 80 TKE (li issa huwa l-Artikolu 100 TFUE) bil-għan li titjieb is-sigurtà marittima u jkun hemm ħarsien aħjar tal-ambjent tal-baħar. Dan għandu jinkiseb permezz tal-użu ta' mezzi legali previsti mil-liġi kriminali. Il-Partijiet Kontraenti qablu li din id-Direttiva għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2009/123/KE hija bla ħsara għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE, u jieħdu nota li, wara id-dħul fis-seħħ tat-TFUE, il-leġiżlatur tal-UE jista' jaddotta regoli minimi skont l-Artikolu 83(2) TFUE fir-rigward tad-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet f'qasam partikolari tal-politika tal-UE jekk dan ikun"indispensabbli sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' politika tal-Unjoni f'qasam li kien suġġett għall-miżuri ta' armonizzazzjoni". Miżuri leġiżlattivi futuri adottati taħt l-Artikolu 83(2) ma jkunux relevanti għaż-ŻEE."

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 189/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/29]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/140 tad-29 ta' Jannar 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tal-kompartiment sterili tal-ekwipaġġ tat-titjira u li jikkoreġi dak ir-Regolament ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 66nf (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

"— **32015 R 0140**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/140 tad-29 ta' Jannar 2015 (ĠU L 24, 30.1.2015, p. 5)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/140 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 24, 30.1.2015, p. 5.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 190/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/30]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/310 tas-26 ta' Frar 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-dejta għall-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 441/2014 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/310 iħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2014 ([2]) li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt 66wg (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 29/2009) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2014) jitħassar.

2. Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32015 R 0310**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/310 tas-26 ta' Frar 2015 (ĠU L 56, 27.2.2015, p. 30)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/310 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

([1]) ĠU L 56, 27.2.2015, p. 30.
([2]) ĠU L 130, 1.5.2014, p. 37.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Atle LEIKVOLL

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 191/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE [2017/31]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Direttiva 2008/99/KE tkopri atti li huma inkorporati fil-Ftehim flimkien ma' atti li ma humiex inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

(3) L-Anness XX mal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 1l (id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE:

"1 m. **32008 L 0099**: Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jinqraw bl-adattament li ġej:

Peress li ċerti atti Komunitarji elenkati fid-Direttiva 2008/99/KE mhumiex inkorporati fil-Ftehim ŻEE, ir-referenzi kollha għal tali atti, ma' definizzjonijiet f'dawn l-atti u għal reati li jikkonċernaw aġir li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-atti li jinsabu fid-Direttiva 2008/99/KE ma għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA. Dawn l-atti bħalissa huma:

(i) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/160/KEE tat-8 ta' Diċembru 1975 li tikkonċerna l-kwalità tal-ilma għall-għawm,

(ii) Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi,

(iii) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa,

(iv) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti,

(v) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom,

([1]) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28.

(vi) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/122/Euratom tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontroll ta' sorsi radjoattivi siġillati ta' attività għolja,

(vii) Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawn,

(viii) Id-Direttiva 2006/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar il-kwalità tal-ilma ħelu li għandu bżonn protezzjoni jew titjib sabiex tkun sostnuta l-ħajja tal-ħut

(ix) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom tal-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2008/99/KE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Atle LEIKVOLL

(*) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

ANNESS

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARTIJIET KONTRAENTI

għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 191/2015 tal-10 ta' Lulju 2015 li tinkorpora d-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim ŻEE

"Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija msejsa fuq l-Artikolu 175 TKE (li issa huwa l-Artikolu 192 TFUE) bil-għan ta' protezzjoni effettiva tal-ambjent. Dan għandu jinkiseb permezz tal-użu ta' mezzi legali previsti mil-liġi kriminali. Il-Partijiet Kontraenti qablu li din id-Direttiva għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE hija bla ħsara għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE, u jieħdu nota li, wara id-dħul fis-seħħ tat-TFUE, il-leġiżlatur tal-UE jista' jaddotta regoli minimi skont l-Artikolu 83(2) TFUE fir-rigward tad-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet f'qasam partikolari tal-politika tal-UE jekk dan ikun "indispensabbli sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' politika tal-Unjoni f'qasam li kien suġġett għall-miżuri ta' armonizzazzjoni". Miżuri leġiżlattivi futuri adottati taħt l- Artikolu 83(2) ma jkunux relevanti għaż-ŻEE."

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 192/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2017/32]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/746/UE tas-27 ta' Ottubru 2014 li tiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, lista ta' setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-perjodu mill-2015 sal-2019 ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni 2014/746/UE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/2/UE ([2]), li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement titħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 21alb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/2/UE) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"**32014 D 0746**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/746/UE tas-27 ta' Ottubru 2014 li tiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, lista ta' setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-perjodu mill-2015 sal-2019 (ĠU L 308, 29.10.2014, p. 114)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2014/746/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 308, 29.10.2014, p. 114.
([2]) ĠU L 1, 5.1.2010, p. 10.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 193/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE [2017/33]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Direttiva 2012/18/UE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE ([2]), li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li b' hekk għandha titħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 23 (imħassar) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**32012 L 0018**: Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1)."

2. It-test tal-punt 23a (id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE) jitħassar.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2012/18/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

([1]) ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13.
(*) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Atle LEIKVOLL

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 194/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2017/34]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE tat-18 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE dwar il-lista ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 32aa (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE:

"— **32014 D 0955**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE tat-18 ta' Diċembru 2014 (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 44)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2014/955/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

[1] ĠU L 370, 30.12.2014, p. 44.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 195/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2017/35]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (riformulazzjoni) ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Direttiva 2012/19/UE tħassar id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 32fa (Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jinbidel b'dan li ġej:

"**32012 L 0019**: Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2012/19/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38.
([2]) ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24.
(*) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 196/2015

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet [2017/36]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-Suq Intern.

(2) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża tkompli għaddejja wara l-31 ta' Diċembru 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 9:

"10. L-Istati tal-EFTA, mill-1 ta' Jannar 2015, jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Unjoni relatati mal-linji baġitarji li ġejjin, imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015:

— **Linja tal-baġit 02.03.01**: 'Tħaddim u żvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali',

— **Linja tal-baġit 12.02.01**: 'L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern'."

2. Il-kliem "paragrafi 5 sa 9" fil-paragrafi 3 u 4 jiġu sostitwiti bil-kliem "paragrafi 5 sa 10".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT